Verżjoni Elettronika

A.L. 5 tal-2023

ATT DWAR IS-SEKWESTRU U L-KUSTODJA TA' MINURI (KAP. 410)

Ordni tal-2023 li jemenda l-Ordni dwar il-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1) tal-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri, il-Ministru responsabbli għall-affarijiet barranin għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2023 li jemenda l-Ordni dwar il-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar il-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". L.S. 410.01.

Jemenda l-Iskeda li tinsab mal-ordni prinċipali.

2. Fl-Iskeda li tinsab mal-ordni prinċipali, minnufih wara l-partita "Ir-Repubblika tal-Korea ..... 23 ta' Awwissu, 2019" għandhom jiżdiedu l-partiti ġodda li ġejjin:

"Il-Bolivja (Stat Plurinazzjonali ta') ..... 29 ta' Novembru 2022

Il-Ġamajka .....29 ta' Novembru 2022".